Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fil-21 ta' Marzu 2013 [1]

**Kawża C-274/12 P**

**Telefónica SA**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni 2011/5/KE — Leġiżlazzjoni Spanjola dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji — Locus standi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Atti regolatorji li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni — Interess personali tal-benefiċjarju effettiv ta' skema ta' għajnuna nazzjonali li ma huwiex affettwat bl-obbligu tal-irkupru tal-għajnuna"

## I – Introduzzjoni

1. Fit-Trattat ta' Lisbona, l-Istati Membri estendew id-dritt ta' rikors tal-individwi kontra l-atti tal-Unjoni. Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fil-preżent jagħti lil kwalunkwe persuna fiżika u ġuridika dritt ta' appell anki kontra "att regolatorju li jirrigwardha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni". Dan l-appell jagħti l-opportunità, għall-ewwel darba, li jiġu ppreċiżati l-kundizzjonijiet li taħthom dan id-dritt ġdid ta' appell jista' jiġi eżerċitat kontra d-deċiżjonijiet li tadotta l-Kummissjoni fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat.

2. Barra minn hekk, għal darb'oħra huwa meħtieġ li iktar 'il quddiem jiġi spjegat it-tagħlim mis-sentenza Plaumann, li dalwaqt ser jiġi ċċelebrat il-ħamsin anniversarju tagħha, rigward il-kundizzjonijiet tal-interess personali fid-dritt ta' appell tradizzjonali skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Dan l-appell jippreżenta din is-sitwazzjoni partikolari: benefiċjarju effettiv ta' skema fiskali nazzjonali li jikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tiddikjara dik l-iskema ta' għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni, filwaqt li l-aspettattivi leġittimi tiegħu huma protetti u huwa jista' jżomm il-benefiċċji tal-iskema fiskali.

## II – Il-kuntest tal-kawża

3. L-Artikolu 12(5) tal-Liġi Spanjola dwar it-Taxxa Korporattiva jipprovdi, fil-verżjoni tiegħu tal-5 ta' Marzu 2004, (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' għajnuna") li l-akkwist ta' ishma f'impriża *barranija* jista', f'ċerti kundizzjonijiet, jikkostitwixxi avvjament finanzjarju li jista' mbagħad jiġi amortizzat fuq perijodu massimu ta' għoxrin sena. Il-valur applikabbli għal dan l-għan huwa d-differenza bejn l-ispiża tal-akkwist tal-ishma fil-kumpannija u l-valur fis-suq tal-assi miżmuma minnha. L-amortizzazzjoni tnaqqas il-piż tat-taxxa tal-akkwirent.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

4. F'għajnejn il-Kummissjoni, din l-iskema tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat selettiva għaliex ma tapplikax għall-akkwist ta' ishma f'kumpannija Spanjola u għalhekk hija fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali taħt l-Artikolu 88(2) KE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura kienet ġiet ippubblikata fil-ĠU tal-21 ta' Diċembru 2007.

5. Fi tmien dik il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/5/KE [2] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") li l-Artikolu 1 tagħha essenzjalment jaqra kif ġej:

"1. L-iskema tal-għajnuna [...] mhijiex kompatibbli mas-suq komuni fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lill-benefiċjarji fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet intra-Komunitarji.

2. Minkejja dan, it-tnaqqis fit-taxxa li jgawdu l-benefiċjarji [...] li jilħqu l-kundizzjonijiet rilevanti tal-iskema tal-għajnuna sal-21 ta' Diċembru 2007, [...] jista' jibqa' japplika għall-perjodu sħiħ tal-amortizzazzjoni stabbilit mill-iskema tal-għajnuna.

[...]"

6. L-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni kkontestata jordna l-irkupru mir-Renju ta' Spanja tal-għajnuna li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni. Skont l-Artikolu 6(2) tad-deċiżjoni kkontestata, "Spanja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata bil-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni".

7. Telefónica SA akkwistat żewġ ishma taħt l-iskema ta' għajnuna u fiż-żewġ każijiet l-akkwist kien seħħ qabel it-terminu msemmi fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, fir-rikors tagħha ppreżentat kontra l-Kummissjoni fil-21 ta' Marzu 2010, hija titlob l-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

8. B'digriet tal-21 ta' Marzu 2012, innotifikat lil Telefónica SA fit-23 ta' Marzu 2012, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fil-Kawża T-228/10 bħala inammissibbli (iktar 'il quddiem id-"digriet appellat"). Skont il-motivi tad-digriet, Telefónica SA ma kinitx ikkonċernata personalment bid-deċiżjoni kkontestata fis-sens tat-tieni każ imsemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u din ma hijiex att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens tat-tielet każ li jisssemma f'dik id-dispożizzjoni.

## III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

9. Telefónica SA (iktar 'il quddiem l-"appellanti") ippreżentat appell mid-digriet fl-1 ta' Ġunju 2012 u titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat,

— tiddikjara ammissibbli r-rikors għal annullament fil-Kawża T-228/10 u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kawża u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

10. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell, u

2 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C-45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (2011/5/KE) (ĠU 2011, L 7, p. 48).

— tikkundanna l-appellanti għall-ispejjeż kollha.

11. Il-partijiet għamlu sottomissjonijiet bil-miktub u orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013.

## IV – Evalwazzjoni

12. L-appellanti tallega li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat id-dritt tal-Unjoni u tiżviluppa tliet aggravji insostenn tal-appell tagħha.

13. L-ewwel aggravju jikkonċerena d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, it-tieni u t-tielet il-*locus standi* taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Filwaqt illi t-tieni aggravju huwa ddedikat għal-*locus standi* b'mod ġenerali kontra atti b'mod partikolari tal-Kummissjoni, it-tielet aggravju jsemmi l-kwalità partikolari meħtieġa għal azzjonijiet kontra atti regolatorji. Billi l-każ partikolari jippreċedi l-każ ġenerali, sejjer neżamina l-aggravji bl-ordni bil-maqlub.

### A – *Fuq il-locus standi kontra atti regolatorji (it-tielet aggravju)*

14. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-kundizzjonijiet tal-interess ġuridiku rikjesti fit-tielet każ imsemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Din id-dispożizzjoni tippermetti d-dritt ta' azzjoni kontra l-atti regolatorji li jikkonċernaw l-appellanti direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni.

15. Fil-punti 43 u 45 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali tiddikjara f'dan ir-rigward li ma hemmx ħtieġa li tiddeċiedi fuq in-natura ta' att regolatorju tad-deċiżjoni kkontestata billi fi kwalunkwe każ din tinvolvi miżuri ta' implementazzjoni. Fil-fehma tagħha, il-*locus standi* taħt it-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE huwa f'kull każ eskluż.

16. Billi l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipproċedi wkoll, jekk ikun meħtieġ, sabiex tissostitwixxi l-motivi[3], inħoss li huwa opportun hawnhekk mhux biss li jiġi vverifikat jekk il-Qorti Ġenerali tatx interpretazzjoni korretta tal-kundizzjoni dwar il-miżuri ta' implementazzjoni imma wkoll li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet kollha tal-*locus standi* taħt it-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

#### 1. Att regolatorju

17. Sabiex ikun permess lill-appellanti li jkollha dritt ta' rikors taħt it-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jeħtieġ li d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni tkun att regolatorju.

18. Kif jiena diġà esponejt f'kawża oħra, l-atti regolatorji jinkludu l-atti kollha ta' portata ġenerali, ħlief, madankollu, l-atti leġiżlattivi fis-sens tal-Artikolu 289(3) TFUE[4]. Deċiżjoni[5] tista' wkoll tifforma parti minn tali atti skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, b'mod partikolari meta ma tkunx indirizzata lil ċerti destinatarji[6].

3 — Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, Ġabra p. I-4727, punt 118.

4 — Ara l-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fis-17 ta' Jannar 2013 fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, punti 30 *et seq*).

5 — It-terminu "Entscheidung" li kien għadu użat fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 KE kien mibdul fil-verżjoni Ġermaniża tat-Trattat ta' Lisbona bit-terminu "Beschluss" fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u huwa użat hawnhekk bħala sinonimu.

6 — Ara l-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 50 sa 52).

19. Id-deċiżjoni kkontestata, li ttieħdet taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 KE ma hijiex att leġiżlattiv għaliex ma ġietx adottata fi proċedura leġiżlattiva.

20. Jibqa' għalhekk li jiġi eżaminat jekk hija għandhiex portata ġenerali.

21. Skont id-definizzjoni normalment adottata fil-ġurisprudenza, att għandu portata ġenerali jekk huwa applikabbli għal sitwazzjonijiet oġġettivament iddeterminati u jipproduċi l-effetti legali tiegħu fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni msemmija b'mod ġenerali u astratt[7].

22. Jista' jingħad li d-deċiżjoni kkontestata ma tissodisfax dawn il-kundizzjonijiet l-ewwel nett għaliex hija indirizzata lil destinatarju wieħed, jiġifieri r-Renju ta' Spanja skont l-Artikolu 7 tagħha. F'għajnejn il-Kummissjoni, tali deċiżjoni ma jistax ikollha portata ġenerali għaliex hija vinkolanti fuq id-destinatarju biss.

23. Għandu jiġi ppreċiżat qabel xejn li n-natura vinkolanti ta' att ma għandhiex tiġi konfuża mal-portata ġenerali tagħha. Kemm it-tieni paragrafu tal-Artikolu 249 KE kif ukoll it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, fil-fatt, jagħmlu distinzjoni, fir-rigward tal-atti regolatorji, bejn il-portata ġenerali tagħhom u l-estensjoni tan-natura vinkolanti tagħhom.

24. Huwa veru li l-analiżi tal-Kummissjoni tista' tiġi ġġustifikata mill-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja ddedikat għal dak li qabel kien it-tieni paragrafu tal-Artikolu 173 KE billi f'diversi okkażjonijiet iddeċidiet li l-kriterju ta' distinzjoni bejn regolament u deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 189 KE għandu jitfittex fil-portata ġenerali jew le tal-att inkwistjoni[8]. Hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rat preċiżament li n-natura ta' deċiżjoni hija dik li *ma jkollhiex* portata ġenerali[9].

25. Id-deċiżjonijiet li, bħad-deċiżjoni kkontestata, huma indirizzati lil Stat Membru wieħed jew iktar għandhom madankollu karatterestika partikolari. Kull Stat għandu wkoll ordni ġuridiku nazzjonali. Id-deċiżjonijiet li jkunu indirizzati lil Stat Membru jorbtu l-iktar lill-organi kollha tal-Istat destinatarju, inkluż il-qrati tiegħu[10]. Anki jekk huma għandhom destinatarju wieħed biss, id-deċiżjonijiet indirizzati lil Stat Membru jistgħu għalhekk isawru l-ordni ġuridiku nazzjonali u jkollhom b'dan il-mod portata ġenerali. Il-ġurisprudenza dan turih ukoll billi tiddeċiedi li dispożizzjoni ta' deċiżjoni indirizzata lil Stat Membru tista' tiġi invokata mill-persuni kkonċernati kontra dak l-Istat Membru[11]. Għalhekk ma huwiex sorprendenti li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll f'ċerti każijiet portata ġenerali lil dan it-tip ta' deċiżjoni[12].

7 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1968, Zuckerfabrik Watenstedt vs Il-Kunsill (6/68, Ġabra p. 612, 620), 5 ta' Mejju 1977, Koninklijke Scholten Honig vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (101/76, Ġabra p. 797, punti 20 sa 22); u tas-17 ta' Ġunju 1980, Calpak und Società Emiliana Lavorazione Frutta vs Il-Kummissjoni (789/79 u 790/79, Ġabra p. 1949, punt 9), kif ukoll id-digrieti tat-28 ta' Ġunju 2001, Eridania *et* vs Il-Kunsill (C-352/99 P, Ġabra p. I-5037, punt 42), u tat-8 ta' April 2008, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-503/07 P, Ġabra p. I-2217, punt 71). Ara f'dan l-istess sens ukoll is-sentenzi tal-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Jégo-Quéré (C-263/02 P, Ġabra p. I-3425, punt 43); u tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, Ġabra p. I-1655, punt 51).

8 — Ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1962, Confédération nationale des producteurs de fruits et légumes *et* vs Il-Kunsill (16/62 u 17/62, Ġabra p. 963, 978), kif ukoll id-digrieti tal-5 ta' Novembru 1986, UFADE vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (117/86, Ġabra p. 3255, punt 9) u tat-12 ta' Lulju 1993, Gibraltar u Gibraltar Development vs Il-Kunsill (C-168/93, Ġabra p. I-4009, punt 11); Ara wkoll is-sentenza AJD Tuna (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 50 *et seq*).

9 — Ara s-sentenza Koninklijke Scholten Honig (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 8 sa 11).

10 — Sentenza tal-21 ta' Mejju 1987, Albako Margarinefabrik, 249/85, Ġabra p. 2345, punt 17.

11 — Sentenza tal-10 ta' Novembru 1992, Hansa Fleisch Ernst Mundt, C-156/91, Ġabra p. I-5567, punti 12 *et seq.*

12 — Ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Carp (C-80/06, Ġabra p. I-4473, punt 21); kif ukoll id-digriet Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 71). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban Internazzjonali u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, Ġabra p. II-7697, punti 23 *et seq*); u d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2012, Eurofer vs Il-Kummissjoni (T-381/11, punt 43).

26. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, għall-benefiċjarji potenzjali ta' skema ta' għajnuna, deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi, bħal din id-deċiżjoni kkontestata, dik l-iskema ta' għajnuna hija miżura ta' portata ġenerali applikabbli għal sitwazzjonijiet oġġettivament determinati u għandha effetti legali fir-rigward ta' kategorija ta' persuni msemmija b'mod ġenerali u astratt[13]. Għalhekk, għall-benefiċjarji potenzjali ta' skema ta' għajnuna, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha n-natura ta' miżura ta' "portata ġenerali"[14].

27. Ċertament, il-projbizzjoni ta' skema ta' għajnuna tkun indirizzata biss lejn l-Istat Membru kkonċernat. Fl-istess ħin, l-ordni ġuridiku nazzjonali jiġi affettwat. Fil-fatt minħabba d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-iskema ta' għajnuna ma tista' tiġi implementata minn ebda entità pubblika. Minħabba f'hekk ukoll, il-persuni kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna jħossu l-effetti ġuridiċi. Sa fejn l-iskema ta' għajnuna nnifisha hija applikabbli għal sitwazzjonijiet oġġettivament determinati u għandha effetti ġuridiċi fir-rigward ta' kategorija msemmija b'mod ġenerali u astratt, l-istess jingħad għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprjobixxiha.

28. L-iskema Spanjola tat-taxxa korporattiva parzjalment ipprojbita mid-deċiżjoni kkontestata hija wkoll applikabbli għal tranżazzjonijiet oġġettivament iddeterminati ta' akkwist ta' ishma fil-Komunità Ewropea u hija indirizzata lil kategorija ta' persuni taxxabbli msemmija b'mod astratt u ġenerali. Sa fejn, tal-inqas, id-deċiżjoni kkontestata tiddikjara l-iskema ta' għajnuna parzjalment inkompatibbli mas-suq komuni, minħabba f'hekk hija għandha portata ġenerali.

29. L-appellanti tikkontesta d-deċiżjoni fuq dan il-punt biss. Ir-rikors tagħha għalhekk huwa indirizzat kontra att regolatorju fis-sens tat-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

2. Att li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni

30. Id-dritt ta' azzjoni taħt it-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jirrikjedi barra minn hekk li l-att ikkontestat ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni.

31. Fil-punti 43 sa 45 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali tqis li din il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta. Fil-fehma tagħha, jirriżulta diġà mill-Artikolu 6(2) tad-deċiżjoni kkontestata, li l-irkupru tal-għajnuna jeħtieġ miżuri ta' implementazzjoni. Barra minn hekk, id-deċiżjoni li tiddikjara l-inkompatibbiltà mas-suq komuni titlob ukoll implementazzjoni, inkluż iċ-ċaħda ta' talba għall-benefiċċju fiskali ta' dik l-iskema.

32. L-appellanti targumenta li d-deċiżjoni li tiddikjara skema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni għandha effett dirett u ma teħtieġx miżuri ta' implementazzjoni. Hija tħoss li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, fid-digriet appellat, ikkunsidrat li d-deċiżjoni tinvolvi miżuri ta' implementazzjoni biss għaliex hija teħtieġ l-irkupru tal-għajnuna. L-irkupru huwa effett aċċessorju, fil-fehma tagħha, fil-konfront tal-projbizzjoni tal-iskema ta' għajnuna minħabba d-dikjarazzjoni tal-inkompatibbiltà tagħha mas-suq komuni, li hija s-suġġett prinċipali tad-deċiżjoni.

13 — Ara s-sentenzi tat-2 ta' Frar 1988, Kwekerij van der Kooy *et* vs Il-Kummissjoni (67/85, 68/85 u 70/85, Ġabra p. 219, punt 15); tad-19 ta' Ottubru 2000, L-Italja u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni (C-15/98 u C-105/99, Ġabra p. I-8855, punt 33); tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-298/00 P, Ġabra p. I-4087, punt 37); u tas-17 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Koninklijke Friesland Campina (C-519/07 P, Ġabra p. I-8495, punt 53). Ara f'dan l-istess sens ukoll is-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 64).

14 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 39).

33. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwassluni qabel xejn sabiex nikkonstata li, sabiex jiġi vverifikat jekk l-att ikkontestat jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni, huwa ċertament neċessarju li jsir riferiment għas-suġġett tar-rikors. Ir-rikors għandu bħala suġġett biss l-inkompatibbiltà parzjali tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni, iddikjarata fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, u mhux l-irkupru tal-għajnuna, ordnata bl-Artikolu 4(1). Jeħtieġ għalhekk li nfittxu iktar 'l quddiem jekk id-dikjarazzjoni tal-inkompatibbiltà parzjali tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni tinvolvix miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tat-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

34. Madankollu ma għandux jiġi eskluż għal kollox li l-irkupru ta' għajnuna jikkostitwixxi miżura ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tiddikjara l-inkompatibbiltà tagħha mas-suq komuni. Dan jiddependi mill-idea tal-kundizzjoni tad-dritt ta' azzjoni li qiegħed jiġi eżaminat hawnhekk.

a) Dikjarazzjoni

35. Ma huwiex faċili li jiġi ffurmat argument mill-qari tat-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

36. Qabel xejn, bħall-partijiet f'din il-kawża, nista' nikkunsidra li l-miżuri ta' implementazzjoni msemmija fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jfissru biss l-applikazzjoni tal-att għall-każ partikolari. Madankollu din l-analiżi hija mfixkla bl-użu magħmul ukoll fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE l tal-kunċett ta' "miżuri li jimplimentaw" meta dan jirreferi għal regolament li għandu preċiżament portata ġenerali skont l-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE. Il-verżjoni fil-lingwa Franċiża tat-Trattat fuq il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fiha tifsira oħra possibbli billi tuża wkoll il-kliem "miżuri ta' implimentazzjoni" fit-tieni frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 299 TFUE u dan fis-sens ta' mezzi ta' eżekuzzjoni jiġifieri ta' *infurzar* ta' att.

37. L-affarijiet isiru saħansitra iktar imċajpra meta jiġi mistoqsi jekk att regolatorju "jinvolvix" tali miżura ta' implementazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet fit-test Ġermaniż u dak Ingliż[15] tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jiddeskrivu *konsegwenza* loġika jew kronoloġika: l-att iġib miegħu miżuri ta' implementazzjoni (sussegwentement). Imma att huwa dejjem segwit minn miżuri ta' implementazzjoni fl-applikazzjoni tiegħu għal każijiet konkreti, kemm jekk dan isir fil-fatt jew fid-dritt, pereżempju f'każ ta' eżekuzzjoni obbligatorja. Għaldaqstant huwa biss att li ma għandu ebda kamp ta' applikazzjoni li ma jinvolvi qatt xi miżuri intiżi biex jeżegwuh.

38. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni fit-test Franċiż[16] tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE tista' tiftiehem ukoll fis-sens li l-att jista' *jinkludi* xi miżuri ta' implementazzjoni. Formulazzjoni analoga tinsab fil-verżjoni Ġermaniża fix-xogħlijiet preparatorji[17]. Huwa sempliċiment diffiċli ħafna li jinftiehem għaliex att li jinkludi preċiżament miżuri ta' implementazzjoni u għalhekk ma jeħtieġx iktar miżuri, ma jistax ikun ikkontestat.

b) Oriġini

39. Dan iwassalna sabiex nikkunsidraw li l-portata tal-kundizzjoni li ssemmi l-miżuri ta' implementazzjoni tista' titfittex biss permezz tal-oriġini tat-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

15 — Il-verżjonijiet fil-lingwa Ġermaniża u dik Ingliża tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE essenzjalment jaqraw kif ġej: "[...] gegen Rechtsakte mit Verordnungscharakter, die [...] keine Durchführungsmaßnahmen nach sich ziehen [...]" u "[...] against a regulatory act which [...] does not entail implementing measures".

16 — "[...]contre les actes réglementaires [...] qui ne *comportent* pas de mesures d'exécution".

17 — Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea, Rapport finali taċ-ċirku ta' diskussjoni dwar il-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-25 ta' Marzu 2003 (dokument CONV 636/03, punt 21).

40. Kif diġà spjegajt iktar 'il fuq f'kuntest ieħor, it-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE hija inkluża fl-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li jirriżulta mix-xogħlijiet tal-Konvenzjoni Ewropea [18]. Iż-żieda tal-kliem "ma jkunx jinvolvi miżuri ta' implementazzjoni", intiża sabiex tillimita l-estensjoni tad-dritt ta' azzjoni tal-individwi biss għall-każijiet fejn l-individwu "għandu l-ewwel jikser id-dritt sabiex wara jkun jista' jkollu aċċess quddiem qorti" [19]. Din l-idea kienet diġà ġiet proposta mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Unión de Pequeños Agricoltores vs Il-Kunsill. Il-fatt li individwu affettwat minn miżura Komunitarja jkun jista', f'ċerti każijiet, jikkontesta l-validità tagħha quddiem il-qrati nazzjonali jekk jikser id-dispożizzjonijiet stabbiliti minn dik il-miżura u juża l-illegalità tagħha fil-kuntest tal-proċeduri kriminali jew ċivili miftuħa kontra tiegħu, ma toffrix, fil-fehma tiegħu, protezzjoni ġudizzjarja adegwata [20].

41. Fid-dawl tal-għan rikonoxxut [21] tat-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-kundizzjoni meħtieġa li ssemmi l-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni ta' att regolatorju għandha tinftiehem fis-sens li l-att, kif isostnu l-partijiet b'mod konkordanti f'din il-kawża, jipproduċi l-effetti tiegħu direttament fuq l-individwi mingħajr *ma jirrikjedi* miżuri ta' implementazzjoni [22]. Dan il-kriterju tan-neċessità ta' miżuri ta' implementazzjoni jissodisfa l-għan tal-*locus standi*: id-dritt ta' appell dirett jissussisti biss jekk l-att regolatorju jipproduċi minnu nnifsu effetti ġuridiċi definittivi fuq l-individwu.

42. Hawnhekk jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-effetti ġuridiċi astratti u konkreti. Għaliex, kif rajna, mid-definizzjoni tiegħu stess att b'portata ġenerali jipproduċi effetti ġuridiċi fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni msemmija b'mod ġenerali u astratt [23]. Madankollu tali effetti ġuridiċi astratti, li jirriżultaw mill-kapaċità ta' regola ġuridika li tiġi applikata, ma jistgħux iwasslu sabiex jiġi ammess li att ġuridiku ma jeħtieġx miżuri ta' implementazzjoni. Inkella, il-kundizzjoni supplimentari li teħtieġ li att regolatorju ma jistax jinvolvi miżuri ta' implementazzjoni, ma kien ikollha l-ebda tifsira. Tali effetti ġuridiċi li jeħtieġ li jiġu kkonstati għandhom għalhekk ikunu konkreti sal-punt li huma ma jirrikjedux iktar individwalizzazzjoni fil-konfront tal-individwi. Fi kliem ieħor, l-att regolatorju għandu huwa stess jiddetermina definittivament l-effetti ġuridiċi tiegħu għal kull individwu.

c) Ħtieġa ta' miżuri ta' implementazzjoni għad-deċiżjoni kkontestata

43. Għalkemm il-partijiet jidhru li jaqblu fuq livell astratt, madankollu ma jaqblux fuq il-ħtieġa ta' miżuri ta' implementazzjoni li teħtieġ id-deċiżjoni kkontestata.

44. Il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni kkontestata teħtieġ miżuri ta' implementazzjoni għaliex hija vinkolanti biss fuq id-destinatarju tagħha, ir-Renju ta' Spanja. Dan jiswa b'mod partikolari għall-irkupru tal-għajnuna li teħtieġ atti oħra minn Spanja.

45. L-appellanti targumenta li d-deċiżjoni kkontestata tipproduċi effetti diretti fil-konfront ta' diversi persuni. Dawn ma jikkonċernawx lir-Renju ta' Spanja biss. Fil-fehma tagħha, il-projbizzjoni tal-iskema ta' għajnuna, direttament applikabbli, inkluża fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, timpedixxi lill-benefiċjarji effettivi u potenzjali milli fil-futur japplikaw għall-iskema ta' għajnuna.

18 — Ara l-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 39 *et seq* u punt 44).

19 — Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea, Rapport finali taċ-ċirku ta' diskussjoni dwar il-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 21).

20 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs tal-21 ta' Marzu 2002, punt 43 (is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2002, Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill, C-50/00 P, Ġabra p. I-6677).

21 — Digrieti tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2012, Hüttenwerke Krupp Mannesmann *et* vs Il-Kummissjoni (T-379/11, punt 52); u Eurofer vs Il-Kummissjoni (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 60).

22 — Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 34), limitata madankollu għall-miżuri ta' eżekuzzjoni tal-Istati Membri.

23 — Ara l-punt 21 iktar 'il fuq.

46. L-ewwel nett, kuntrarjament għall-motivi tad-deċiżjoni kkontestata u għall-analiżi tal-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-irkupru tal-għajnuna ma huwiex miżura ta' eżekuzzjoni neċessarja għad-dikjarazzjoni li tinsab fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, tal-inkompatibbiltà parzjali tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni. Din id-dikjarazzjoni hija ċertament kundizzjoni neċessarja, jew "loġika"[24], sabiex tiġi rkuprata l-għajnuna. Imma, kif juru l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999[25] u s-sitwazzjoni tal-appellanti, l-irkupru ma jitnissilx b'mod imperattiv mill-inkompatibbiltà ddikjarata imma jiġi minn deċiżjoni separata tal-Kummissjoni. L-ordni tal-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni kkontestata, li teżiġi li Spanja tirkupra ċerta għajnuna, hija għalhekk komponent speċifiku tad-deċiżjoni u għalhekk l-implementazzjoni li hija teħtieġ hija rrilevanti għas-suġġett ta' dan ir-rikors sakemm ma tiġix ikkontestata.

47. Għaldaqstant l-unika ħaġa rilevanti għal-*locus standi* tal-appellanti hija l-kwistjoni jekk id-dikjarazzjoni tal-inkompatibbiltà parzjali tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni bħala tali teħtieġx miżuri ta' implementazzjoni.

48. Dwar dan il-punt, l-appellanti ċertament għandha raġun meta targumenta li din id-dikjarazzjoni tipproduċi effetti ġuridiċi immedjati konkreti. Madankollu dan huwa l-każ biss kontra l-Istat Membru destinatarju tad-deċiżjoni. Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni tindika korrettament li din id-deċiżjoni ma hijiex vinkolanti fuq persuni oħra skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 KE.

49. Id-deċiżjoni indirizzata biss lill-Istat Membru għandha l-effett madankollu li taffettwa l-ordni ġuridiku nazzjonali[26]. Dan għaliex l-abbandun tal-iskema ta' għajnuna għandu wkoll effetti ġuridiċi fuq il-persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna. Għalhekk in-neċessità ta' miżuri ta' implementazzjoni għandha tiġi eżaminata wkoll fid-dawl ta' dawn l-effetti.

50. F'dan ir-rigward għandha tiġi kkonstatata l-assenza għall-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna tal-effett ġuridiku konkret u definittiv meħtieġ sabiex jiġi stabbilit d-dritt ta' azzjoni. L-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata għadu ma jiddefinixxix l-konsegwenzi li l-abbandun tal-iskema ta' għajnuna għandu għal kull wieħed mill-persuni taxxabbli. Dawn il-konsegwenzi jiġu prodotti biss bl-istima tat-taxxa għaliex l-abbandun tal-iskema ta' għajnuna bħala tali ma jinvolvi l-ebda projbizzjoni jew ordni għall-persuni taxxabbli. Barra minn hekk, l-effett tal-abbandun tal-iskema ta' għajnuna fuq il-bilanċ tal-istima tat-taxxa ma huwiex ser ikun l-istess għal kull waħda mill-persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna. Fuq kollox, jeħtieġ naturalment li jkunu ġew akkwistati ishma matul sena fiskali. Il-konsegwenzi konkreti għal kull waħda mill-persuni kkonċernati b'mod astratt ser ivarjaw skont il-konsistenza tal-avvjament finanzjarju stabbilit taħt l-iskema ta' għajnuna u skont l-ammont ta' qligħ u telf sabiex jiġi stabbilit il-bilanċ.

51. Il-konsegwenzi għall-persuni taxxabbli tal-abbandun tal-iskema ta' għajnuna għandhom neċessarjament jiġu individwati bi stima tat-taxxa. L-istima tat-taxxa hija fil-fatt miżura ta' eżekuzzjoni li l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni inkwistjoni "jinvolvi" skont l-Artikolu 263(4) TFUE.

52. Barra minn hekk, huwa rrilevanti jekk huwiex il-każ ta' miżura ta' eżekuzzjoni tal-Unjoni jew, bħal f'dan il-każ, ta' Stat Membru. Fil-fatt, is-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja l-istess bħas-sistema amministrattiva tal-Unjoni tistrieħ fuq kooperazzjoni bejn l-organi tal-Unjoni u dawk tal-Istati Membri.

24 — Ara s-sentenza tal-14 ta' April 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-331/09, Ġabra p. I-2933, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata.

25 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8 Vol. 1 p. 339).

26 — Ara l-punti 25 u 27 iktar 'il fuq.

53. L-abbandun parzjali tal-iskema ta’ għajnuna tat-taxxa korporattiva Spanjola lanqas ma huwa projbizzjoni li l-persuni taxxabbli jistgħu jiksru biex imbagħad jiġu imposti sanzjonijiet fuqhom. Ġuridikament, l-abbandun jinvolvi t-tneħħija tal-possibbiltà li jintalab benefiċċju fiskali. Ma narax għalfejn ma għandux ikun raġonevolment possibbli għall-persuni taxxabbli li fil-prospett tat-taxxa tagħhom jitolbu amortizzazzjoni li tikkorrispondi għall-iskema ta’ għajnuna u li mbagħad jikkontestaw quddiem qorti nazzjonali stima tat-taxxa li tiċħad dik l-amortizzazzjoni. Il-qorti nazzjonali tista’ mbagħad tistħarreġ inċidentalment il-validità tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata u jekk ikun meħtieġ tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal evalwazzjoni tal-validità taħt l-Artikolu 267 TFUE.

54. Il-fatt li l-appellanti tkun irrinunzjat milli titlob il-benefiċċju tal-iskema ta’ għajnuna minħabba n-nuqqas ta’ ċertezza fil-pjanijiet tagħha ma jista’ jkollu l-ebda rilevanza f’dan ir-rigward. Ċertament, wara d-data ta’ referenza li għandha tiġi adottata għall-aspettattivi leġittimi skont l-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, hija kienet, fi kliema stess, diġà strutturat b’mod kawtelatorju żewġ akkwisti ta’ ishma b’mod li ma tkunx applikabbli l-iskema ta’ għajnuna u dan iwassal sabiex ikun assolutament impossibbli li jsir dan l-eżami inċidentali. Madankollu, dan huwa dovut biss għall-evalwazzjoni tagħha tal-probabbiltà li d-deċiżjoni kkontestata tkun valida u għall-inizjattiva li hija ħadet f’dan ir-rigward u mhux għall-assenza ta’ possibbiltà li tirreferi direttament lill-Qorti Ġenerali. Anki jekk hija kellha din il-possibbiltà li tirreferi lill-Qorti Ġenerali, l-appellanti ma setgħetx takkwista l-ishma b’ċertezza legali sħiħa.

55. Għalhekk kienet korretta l-Qorti Ġenerali meta fil-punt 44 tad-digriet appellat ikkunsidrat li r-rifjut li jingħata l-benefiċċju fiskali stabbilit bl-iskema ta’ għajnuna huwa miżura ta’ eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

56. L-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata jinvolvi għalhekk miżuri ta’ implementazzjoni fis-sens tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Minn dan isegwi li r-rikors tal-appellanti ma jirrigwardax att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta’ implementazzjoni.

### 3. Konklużjoni intermedjarja

57. Għaldaqstant, l-appellanti ma għandhiex *locus standi* taħt it-tielet każ tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għaliex l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata huwa ċertament att regolatorju imma jinvolvi miżuri ta’ implementazzjoni. It-tielet aggravju huwa għalhekk infondat.

### 4. Interess dirett

58. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tiddeċiedi mod ieħor, ikun meħtieġ li jiġi eżaminat ukoll id-dritt ta’ azzjoni tal-appellanti taħt it-tielet każ tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE billi jiġi vverifikat jekk hijiex direttament ikkonċernata bid-deċiżjoni kkontestata.

59. Hekk kif ma hemm l-ebda raġuni sabiex l-interess dirett meħtieġ hawnhekk jiġi interpretat mod ieħor minbarra t-tieni każ tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE[27], għandu jiġi kkunsidrat, skont ġurisprudenza stabbilita, li rikorrent huwa kkonċernat direttament meta l-miżura kkontestata, fl-ewwel lok, tipproduċi effetti direttament fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-individwu u, fit-tieni lok, ma tħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li huma inkarigati sabiex jimplementawha, billi hija għandha natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr l-applikazzjoni ta’ regoli oħra intermedjarji[28].

27 — Ara l-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-kawża Tapiriit Kanatami *et* (iċċitata fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 4, punti 68 *et seq*).

28 — Sentenzi tat-13 ta’ Ottubru 2011, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (C-463/10 P u C-475/10 P, Ġabra p. I-9639, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60. It-tieni kundizzjoni timplika li l-att ikkontestat jeħtieġ ukoll implementazzjoni. Madankollu, dan eżattament ma huwiex il-każ ta' att li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni. Tali atti jipproduċu dejjem effetti ġuridiċi awtomatikament minħabba li joħorġu mis-sistema tal-Unjoni.

61. Għaldaqstant l-unika kwistjoni li għad fadal li tinvolvi t-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, hija jekk l-att ikkontestat jipproduċix effetti direttament fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-appellanti. Hekk tiġi stabbilita r-rabta konkreta mal-appellanti. L-ewwel żewġ kundizzjonijiet fil-fatt isemmu biss l-att ikkontestat mingħajr ma jikkunsidraw is-sitwazzjoni tal-appellanti. Jekk l-eżami jiġi limitat għal dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, kwalunkwe persuna tkun tista' taġixxi kontra att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni, kemm jekk taqa' kif ukoll jekk ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-att. L-interess dirett huwa għalhekk meħtieġ sabiex jeskludi l-azzjoni msejħa popolari, bħar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

62. Imma jekk l-appellanti taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' att ta' dan it-tip, dan neċessarjament jipproduċi wkoll effett direttament fuqha. Tali huwa l-każ tal-appellanti jekk hija taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna li saret inapplikabbli minħabba l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata. Billi hija suġġetta fir-Renju ta' Spanja għat-taxxa korporattiva, hija ser tkun ukoll direttament ikkonċernata, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikklassifika d-deċiżjoni fuq dan il-punt bħala att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni.

B – *Fuq il-locus standi kontra kwalunkwe forma ta' atti (it-tieni aggravju)*

63. Bit-tieni aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-ġurisprudenza dwar l-ammissibbiltà ta' appell ippreżentat taħt it-tieni każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kontra deċiżjonijiet mogħtija fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat. Dan il-każ jippermetti lil kwalunkwe persuna li tippreżenta appell minn kwalunkwe forma ta' atti li għalkemm ma hijiex destinatarja tagħhom jikkonċernawha direttament u personalment.

64. Fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-appellanti hija kkonċernata personalment b'deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna biss jekk hija effettivament ibbenefikat minn dik l-iskema ta' għajnuna u jekk il-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-għajnuna mogħtija. Ċertament l-appellanti għandha l-kwalità ta' benefiċjarju effettiv skont il-Qorti Ġenerali. Madankollu, hija żżid li taħt l-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata hija bbenefikat mill-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ma hijiex speċifikament ikkonċernata bl-irkupru tal-għajnuna.

65. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-persuni barra dawk li huma d-destinatarji ta' deċiżjoni jistgħu jallegaw li huma individwalment ikkonċernati biss jekk din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet partikolari jew sitwazzjoni fattwali li tikkaratterizzahom meta mqabbla ma' persuni oħra u, b'hekk, tindividwalizzahom bl-istess mod bħalma jkun id-destinatarju ta' tali deċiżjoni [29]. Kif diġà spjegajt f'kawża oħra, din il-ġurisprudenza għandha tibqa' tiġi osservata fl-eżami tal-*locus standi* taħt il-verżjoni l-ġdida tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [30].

29 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, Ġabra p. 213, punt 197; 13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, C-78/03 P, Ġabra p. I-10737, punt 33; u Deutsche Post (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 71).

30 — Ara l-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 89 *et seq*).

66. Il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li l-benefiċjarju effettiv ta' għajnuna mogħtija individwalment taħt skema ta' għajnuna li l-Kummissjoni tkun ordnat l-irkupru tagħha huwa, minħabba f'hekk, individwalment ikkonċernat [31]. F'dan ir-rigward hija ddikjarat b'mod iktar speċifiku li l-ordni ta' rkupru tal-għajnuna tesponi lill-benefiċjarji tal-iskema għall-perikolu li jkollhom jirrimborsaw l-benefiċċji miksuba u għalhekk taffettwa l-pożizzjoni ġuridika tagħhom. Barra minn hekk, l-eventwalità li, sussegwentement, il-benefiċċji ddikjarati illegali ma jiġux irkuprati mingħand il-benefiċjarji tagħhom ma teskludix li dawn jitqiesu bħala individwalment ikkonċernati [32].

67. L-appellanti temmen li din il-ġurisprudenza hija applikabbli għas-sitwazzjoni tagħha. Għalkemm, skont l-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, ma hijiex obbligata tirrimborsa l-għajnuna riċevuta, hija targumenta li hija wkoll esposta għall-perikolu li jkollha tirrimborsaha. Dan il-perikolu huwa parzjalment marbut mal-fatt li kompetitur tagħha diġà ressaq appell minn din id-dispożizzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali [33]. Min-naħa l-oħra, huwa possibbli li fuq il-livell nazzjonali terzi jibdew proċeduri bbażati fuq id-dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà parzjali tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni.

68. Il-Kummissjoni tqis li dak li jseħħ wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata huwa rrilevanti fl-evalwazzjoni tal-interess personali tal-appellanti. Dan jiswa b'mod partikolari għas-sentenzi li possibilment ingħataw fid-dawl tad-deċiżjoni kkontestata.

69. Jeħtieġ qabel xejn jiġi kkunsidrat ukoll is-suġġett ta' dan ir-rikors fl-eżami tat-tieni każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fir-rikors tagħha, l-appellanti kkontestat biss l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, li tiddikjara l-inkompatibbiltà parzjali tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni. Għaldaqstant hu meħtieġ li l-appellanti tkun individwalment ikkonċernata b'dik id-dispożizzjoni.

70. Minbarra l-ordni ta' rkupru tal-għajnuna, li ma hijiex is-suġġett tar-rikors, l-uniku effett li għandu qabel xejn l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata huwa li hija ma tistax tibbenefika fil-futur mill-iskema ta' għajnuna. Imma, skont ġurisprudenza stabbilita, impriża ma tistax, fil-prinċipju, tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali jekk hija tkun ikkonċernata b'din id-deċiżjoni biss minħabba li hija tappartjeni lis-settur inkwistjoni u l-kwalità ta' benefiċjarju potenzjali tal-imsemmija skema [34]. Għaldaqstant l-appellanti ma tistax tkun individwalment ikkonċernata fil-kwalità tagħha ta' benefiċjarju potenzjali ta' din l-iskema. Il-benefiċċju li hija effettivament ħadet fil-passat lanqas ma jeskludiha miċ-ċirku tal-persuni li, fil-futur, ma jistgħux iktar jitolbu l-benefiċċju.

71. Billi l-appellanti ssostni, fil-kwalità ta' benefiċjarju effettiv, il-perikolu ta' rifużjoni tal-benefiċċji tal-iskema ta' għajnuna diġà riċevuta, huwa ċar li tali perikolu għandu fi kwalunkwe każ jitnissel mid-deċiżjoni inkwistjoni nnifisha. Il-ġurisprudenza ċċitata mill-appellanti, li hija bbażata fuq is-sempliċi perikolu ta' rkupru, tikkonċerna wkoll perikolu ta' dan it-tip. Mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma jirriżultax ċar jekk dan kienx każ ta' għajnuna illegali u jekk l-għajnuna għandhiex tiġi rkuprata minħabba din ir-raġuni [35].

31 — Is-sentenzi "Venezia vuole vivere" vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 53); L-Italja u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 34) u L-Italja vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 39).

32 — Sentenza "Venezia vuole vivere vs Il-Kummissjoni" (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 56).

33 — Ara l-kawża Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-207/10).

34 — Ara s-sentenza L-Italja u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 — Ara l-konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Trstenjak ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2010 fil-kawża Comitato "Venezia vuole vivere" vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punti 71 sa 78).

72. Madankollu, wara d-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ, l-appellanti ċertament ma għandha twettaq l-ebda rimbors. Għalhekk ma jeżisti l-ebda perikolu li jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata imma jeżisti perikolu biss fil-każ li d-deċiżjoni kkontestata jkollha tiġi mmodifikata fuq inizjattiva ta' terz. Jekk ikun meħtieġ, l-appellanti tista' mbagħad taġixxi kontra tali deċiżjoni ġdida mingħajr ma tkun tista' tiġi ostakolata bl-effetti definittivi ta' proċeduri oħra.

73. L-inkompatibbiltà parzjali tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni ddikjarata fid-deċiżjoni kkontestata lanqas ma twassal, permezz ta' possibbli rikorsi ta' terzi fuq il-livell nazzjonali, għal perikolu ta' telf tal-benefiċċji riċevuti. Il-Kummissjoni indikat korrettament fuq dan il-punt li l-qrati nazzjonali huma marbuta bid-deċiżjoni kkontestata u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi illi hija tipprovdi. Il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata tiswa wkoll fir-rigward ta' pretensjonijiet oħra li l-appellanti timmaġina li hija esposta għalihom.

74. Minn dan isegwi li, fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kienet korretta li tikkunsidra li l-appellanti ma kinitx individwalment ikkonċernata bl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens tat-tieni każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. It-tieni aggravju huwa għaldaqstant infondat.

## C – *Fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (l-ewwel aggravju)*

75. Fl-aħħar nett, l-appellanti ssostni wkoll fl-ewwel aggravju tagħha li d-deċiżjoni kkontestata interpretat b'mod żbaljat d-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Dan id-dritt jitnissel mill-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") kif ukoll mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

76. F'dan ir-rigward, fil-punt 38 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li xejn ma jipprekludi lir-rikorrenti milli tressaq quddiem il-qorti nazzjonali rinviju għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, sabiex, jekk hemm bżonn, tikkontesta, b'dak il-mod, il-validità tad-deċiżjoni kkontestata.

77. L-appellanti tqis, għall-kuntrarju, li din il-possibbiltà ma hijiex effettiva għaliex dan il-mod ma jiggarantilhiex l-aċċess għall-qrati tal-Unjoni. Minn naħa, ma huwiex daqstant ċert li tista' tinbeda kawża fuq il-livell nazzjonali[36]. Min-naħa l-oħra, fil-fehma tagħha, il-mezz tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari ma hijiex paragunabbli mal-proċedura tal-azzjoni offrut bl-Artikolu 263 TFUE meta huwa magħruf li ma huwiex daqstant ċert li l-qorti ser tiddeċiedi favur rinviju u meta huma magħrufa t-tul u l-modalitajiet ta' dan it-tip ta' proċedura.

78. Fil-konklużjonijiet ippreżentati fil-Kawża C-583/11 P, diġà kont esponejt abbondantament li d-dritt għal rikors effettiv iddikjarat fl-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rispett tal-Artikoli 6 u 16 KEDB, ma jeħtieġx ukoll id-dritt ta' azzjoni direttament kontra atti leġiżlattivi[37]. Dan jgħodd ukoll għad-deċiżjoni ta' portata ġenerali inkwistjoni hawnhekk. Is-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja tat-Trattati, li hija bbażata fuq il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, hawnhekk toffri protezzjoni ġudizzjarja effettiva permezz tal-istħarriġ inċidentali tal-legalità[38].

36 — Ara l-iżviluppi ta' dan l-aspett iktar 'il fuq fil-punt 54.

37 — Ara l-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 106 *et seq*).

38 — *Ibidem*, punti 115 *et seq.*

79. Fir-rigward tad-dritt għal rikors effettiv, ċertament ser ikun insuffiċjenti li jkun meħtieġ li individwu l-ewwel jikser il-liġi u konsegwentement jesponi lilu nnifsu għal sanzjoni sabiex jasal għal stħarriġ tal-legalità ta' att billi jikkontesta s-sanzjoni[39]. Ma tidhirx sitwazzjoni ta' dan it-tip f'dan il-każ[40].

80. Billi d-digriet appellat ma interpretax b'mod żbaljat l-Artikolu 47 tal-Karta u lanqas l-Artikoli 6 u 13 KEDB, l-ewwel aggravju wkoll huwa infondat.

D – *Fuq l-interess ġuridiku*

81. Billi t-tliet aggravji tal-appellanti huma infondati, l-appell għandu jiġi miċħud bħala infondat. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja madankollu taċċetta d-dritt ta' azzjoni taħt it-tieni jew it-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ikun għad jeħtieġ li jiġi eżaminat l-interess ġuridiku tal-appellanti.

82. Fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kienet ukoll ibbażat l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fuq nuqqas ta' interess tal-appellanti. Fil-punt 46 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ħalliet din il-kwistjoni miftuħa.

83. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-Kummissjoni tinvoka mill-ġdid in-nuqqas ta' interess u titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ikun meħtieġ, li tikkonferma d-digriet billi tissostitwixxi l-motivi.

84. L-appellanti targumenta li għandha interess ġuridiku li titlob l-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata. Minn naħa, dan jevita l-perikolu fil-konfront tagħha li tiġi ppreġudikata bid-dikjarazzjoni tal-inkompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna mas-suq komuni jekk il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tiġi eventwalment miċħuda fil-konfront tagħha. Min-naħa l-oħra, l-appellanti ser tkun tista' mill-ġdid tibbenefika fil-futur minn skema ta' għajnuna. Ċertament ir-Renju ta' Spanja kkanċella din l-iskema fil-perijodu stabbilit mid-deċiżjoni kkontestata. Imma l-annullament tal-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni jippermetti madankollu li din l-iskema tiġi implementata mill-ġdid jew li ssir kawża għad-danni kontra l-Istat ta' Spanja.

85. Rikors huwa ammissibbli biss jekk l-appellanti għandha interess ġuridiku fir-rigward tas-suġġett tar-rikors. Dan jimplika li bir-riżultat tiegħu, ir-rikors ikun jista' jkun ta' benefiċċju għall-parti li tippreżentah[41].

86. Fil-fehma tiegħi, ma għandux ikun hemm rekwiżiti eżaġerati sabiex jissussisti dan il-benefiċċju. Dan jgħodd b'mod partikolari meta l-kundizzjonijiet ristretti tat-tieni jew tat-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jkunu diġà ssodisfatti kif għandu jiġi preżunt li jkun fil-kuntest ta' dan l-eżami sussidjarju. L-interess huwa rikjest sabiex jipproteġi lill-partijiet kollha fi proċedura billi jiġu evitati opinjonijiet akkademiċi f'kawża li ma jistgħu jkunu ta' ebda benefiċċju għall-appellanti. Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

39 — *Ibidem*, punti 118 *et seq.*

40 — Ara l-iżviluppi ta' dan l-aspett iktar 'il fuq fil-punt 53.

41 — Is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni, C-362/05 P, Ġabra p. I-4333, punt 42; u d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Provincia di Imperia, C-183/08 P, Ġabra p. I-27*, punt 19.

87. Huwa veru li ma rajt l-ebda benefiċċju fir-rigward tal-akkwist ta' ishma li diġà sar, li dwarhom l-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi lill-appellanti. Annullament tal-Artikolu 1(1) ma huwiex ser ibiddel il-pożizzjoni tagħha fuq dan il-punt [42]. Madankollu l-affarijiet jippreżentaw ruħhom f'dawl differenti jekk il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tammetti dritt ta' azzjoni biss taħt it-tieni każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għar-raġuni li d-deċiżjoni kkontestata tesponi lill-appellanti għal perikolu ta' rkupru tal-għajnuna.

88. Ir-rikors għandu fi kwalunkwe każ ikun ta' benefiċċju għall-appellanti għaliex, f'każ ta' annullament tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, l-ordni ġuridiku ta' Spanja ma huwiex ser jinvolvi l-projbizzjoni tal-applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna favorevoli għall-appellanti.

89. Għalhekk għandu jiġi ammess li l-appellanti għandha interess ġuridiku. Għaldaqstant fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tirrikonoxxi d-dritt ta' azzjoni tal-appellanti taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikors għandu jkun ammissibbli. Għalhekk id-digriet appellat ma jistax jiġi kkonfermat permezz tas-sostituzzjoni tal-motivi billi jiġi ddikjarat li l-appellanti ma għandhiex interess ġuridiku. L-appell ikun għall-kuntrarju fondat u d-digriet appellat għandu jiġi annullat.

### E – *Sommarju*

90. Billi fil-fehma tiegħi, l-aggravji kollha tal-appellanti ma humiex fondati, l-appell għandu jiġi miċħud kif titlob il-Kummissjoni.

## V – Spejjeż

91. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun infondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Billi l-Kummissjoni talbet dan, l-appellanti għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż għaliex hija tilfet, skont id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 138(1) u 184(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

## VI – Konklużjoni

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) L-appell huwa miċħud.

2) L-appellanti għandha tħallas l-ispejjeż.

42 — Ara, f'sens differenti, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Mejju 2010, Franza vs Il-Kummissjoni, T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, Ġabra p. II-2099, punti 122 *et seq.*